

32001R0082

20.1.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 20/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 82/2001
tal-5 ta' Diċembru 2000**

li tirrigwarda d-definizzjoni tal-kunċett “prodotti li joriġinaw (fil-post)” u l-metodi tal-KOperazzjoni amministrattiva fil-kummerċ bejn it-territorju tad-dwana tal-Komunità u Ceuta u Melilla

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Għalhekk mhux meħtieġ iktar li jiġu pprovvdu regoli speċjali dwar l-oriġini għal dan it-territorju.

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

(4) Ir-Regolament (KEE) Nru 1135/88 għandu jiġi abbozzat mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza,

Wara li kkonsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u tal-Portugall, u b'mod partikolari il-Protokoll 2 ta' miegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Billi:

KAPITOLU I

DISPOSIZZJONIJET ĠENERALI

Artikolu 1

Id-definizzjonijiet

Għall-ġhanijiet ta' dan ir-Regolment:

- (1) Minn mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament tal-Konsill (KEE) Nru 1135/88 tas-7 ta' Marzu 1988 li jirrigwarda d-definizzjoni tal-kunċett tal-“prodotti li joriġinaw (fil-post)” u l-metodi ta' KOperazzjoni amministrattiva bejn il-Komunità, Ceuta u Melilla u l-Gżejjer Kanarji (¹), ir-regoli dwar l-oriġini li jaġplikaw taħt ftehimijiet kummerċjali varji iż-żifra mill-Komunità għad-dew minn bidliet sostanziali. Fċerti rigwardi, huma iktar favorevoli minn dawk li jinsabu fir-Regolament (KEE) Nru 1135/88, b'mod partikolari rigward il-ħtiġiet dokumentarji.
- (2) Il-ftehimijiet ta' hawn fuq li jirregolaw il-kummerċ bejn il-Komunità u s-sħab kummerċjali tagħha jistabbilixxu regoli speċjali dwar l-oriġini għal Ceuta u Melilla. Dawn id-disposizzjoni jiet għandhom jiġi applikati bejn it-territorju ta-dwana tal-Komunità u Ceuta u Melilla.
- (3) Ir-Regolament tal-Konsill (KEE) Nru 1911/91 tas-26 ta' Ġunju 1991 dwar l-applikazzjoni tad-disposizzjoni jiet tal-ligħiġiet Komunitarji għall-Ġżejjer Kanarji (²) inkorpora lil dawn il-gżejjer fid-territorju tad-dwana Komunitarju.

(¹) ĠU L 114, tat-2.5.1988, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3902/89 (ĠU L 375, tat-23.12.1989, p. 5)

(²) ĠU L 171, tad-29.6.1991, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2674/1999 (ĠU L 326, tat-18.12.1999, p. 3).

- (a) “fabbrikazzjoni” ifisser kull tip ta' xogħol jew proċessar inklużi t-taghqd flimkien jew ħidmiet speċifiċi;
- (b) “materjal” ifisser kull ingredjent, materja prima, komponent jew parti, eċċ., użati fil-fabbrikazzjoni tal-prodott;
- (c) “prodott” ifisser il-prodott miksub, saħansitra jekk ikun maħsub għall-użu iktar tard fħidma oħra tal-fabbrikazzjoni;
- (d) “oġġetti” ifissru kemm il-materjali u kemm il-prodotti;
- (e) “valur tad-dwana” ifisser il-valur kif stabbilit skond il-Ftehim tas-sena 1994 dwar l-implementazzjoni ta' l-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (il-Ftehim tal-WTO dwar il-valutazzjoni tad-dwana);

- (f) “prezz tal-fabbrika” ifisser il-prezz imħallas għall-prodott kif joħroġ mill-fabbrika lill-fabbrikant fil-Komunità jew f’Ceuta u Melilla u li fl-impriża tiegħu jitwettqu l-aħħar xogħol jew proċessar, sakemm il-prezz jinkludi l-valur tal-materjali kollha wżati, b’kull taxxa interna mnaqqsa li tista’ jew ma tistax tit-ħallas lura, meta jiġi esportat il-prodott miksub;
- (g) “il-valur tal-materjali” ifisser il-valur tad-dwana mal-waqt ta’ l-importazzjoni tal-materjali wżati jew, jekk ma jkunx magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz li jista’ jiġi aċċertat imħallas għall-materjali fil-Komunità jew f’Ceuta u Melilla;
- (h) “il-valur tal-materjali li joriġinaw (fil-post)” ifisser il-valur ta’ dawn il-materjali kif iddefinit fil-punt (g) applikat *mutatis mutandis*;
- (i) “valur miżjud” ifisser il-prezz tal-fabbrika għall-prodotti, bil-valur tad-dwana mnaqqas għal kull wieħed mill-materjali inkorporati li jorġina fil-pajjiżi riferiti fl-Artikoli 3 u 4 jew, meta l-valur tad-dwana ma jkunx magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz li jista’ jiġi aċċertat imħallas għall-materjali fil-Komunità jew f’Ceuta u Melilla;
- (j) “kapitoli” u “intestaturi” ifissru l-kapitoli u l-intestaturi (b’kodiċjet ta’erba’ ċifri) użati fin-nomenklatura li tagħmel is-Sistema Armonizzata tad-Deskrizzjoni u l-Kodifika’ ta-l-Oġġetti, minn issa l-quddiem imsejħa “is-Sistema Armonizzata” jew “HS”;
- (k) “konsinna” tfisser il-prodotti li jew jintbagħtu simultanjament minn esportatur lil destinatarju jew ikunu ttrasportati taħt dokument waħdieni tat-trasport mill-esportatur lid-destinatarju jew, fl-assenza ta’ dan id-dokument, b’fattura waħdien;
- (l) “territorji” ifissru t-territorji, inklużi l-ibħra territorjali.

L-espressjoniet “ikklassifikat/a/i” għandhom jirreferu għall-klassifika ta’ prodott jew materjal taħt intestatura partikolari.

KAPITOLU II

ID-DEFINIZZJONI TAL-KUNċETT “PRODOTTI LI JORIġINAW (FIL-POST)”

Artikolu 2

Ħtiġiet ġenerali

- Bil-ġhan li jiġu implementati l-arranġamenti li jirregolaw il-kummerċ bejn it-territorju tad-dwana Komunitarju, minn issa l-

quddiem imsejja “il-Komunità”, u Ceuta u Melilla, il-prodotti li ġejjin għandhom jiġu kkonsidrat bħala li joriġinaw fil-Komunità:

- (a) il-prodotti miksuba għal kollox fil-Komunità fit-tifsira ta’ l-Artikolu 5 ta’ dan il-Protokoll;
- (b) il-prodotti miksuba fil-Komunità li jinkorporaw materjali li ma kenux miksuba għal kollox hawnhekk, sakemm dawn il-materjali jkunu għaddew minn xogħol jew proċesar biżżejjed fil-Komunità fit-tifsira ta’ l-Artikolu 6;
- (c) l-oġġetti li joriġinaw fiziż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) fit-tifsira tal-Protokoll 4 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

2. Bil-ġhan li jiġu implementati l-arranġamenti li jirregolaw il-kummerċ bejn il-Komunità u Ceuta u Melilla, il-prodotti li ġejjin għandhom jiġu kkonsidrat bħala li joriġinaw f’Ceuta u Melilla:

- (a) il-prodotti miksuba għal kollox f’Ceuta u Melilla fit-tifsira ta’ l-Artikolu 5;
- (b) il-prodotti miksuba f’Ceuta u Melilla li jinkorporaw materjali li ma kenux miksuba għal kollox hawnhekk, sakemm dawn il-materjali jkunu għaddew minn xogħol jew proċesdar biżżejjed f’Ceuta u Melilla fit-tifsira ta’ l-Artikolu 6.

Artikolu 3

Il-kumulu fil-Komunità

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(1), il-prodotti għandhom jiġu kkonsidrat bħala li joriġinaw fil-Komunità, f’Ceuta u Melilla jew f’kull pajjiż ieħor li miegħu l-Komunità ffirmsit ftehim reċiproku li l-protokoll tiegħu rigward ir-regoli dwar l-oriġini jistabbilixxi disposizzjonijiet speċjali għal Ceuta u Melilla, sakemm dan ix-xogħol jew il-proċessar imwettqa fil-Komunità jmorru lil hemm minn dawk riferiti fl-Artikolu 7. Ma għandux ikun hemm għalfejn li dawn il-materjali jkunu għaddew minn xogħol jew proċessar biżżejjed.

2. Meta x-xogħol jew il-proċessar imwettqa fil-Komunità jmorru lil hemm minn dawk riferiti fl-Artikolu 7, il-prodott miksub għandu jiġi kkonsidrat bħala li jorġina fil-Komunità biss meta l-valur miżjud fih ikun ikbar mill-valur tal-materjali wżati li joriġinaw fwieħed jew l-ieħor mill-pajjiżi riferiti fil-paragrafu 1. Jekk dan ma jkunx hekk, il-prodott miksub għandu jiġi kkonsidrat bħala li jorġina fil-pajjiż fejn jgħodd l-ikbar valur tal-materjali li joriġinaw fil-post użati fil-fabrikazzjoni il-Komunità.

3. Il-prodotti, li joriġinaw fwieħed mill-pajjiżi riferiti fil-paragrafu 1, li ma jgħaddu mill-ebda xogħol jew proċessar fil-Komunità, għandhom iż-żommu l-oriġini tagħhom jekk jiġi esportati lejn wieħed minn dawn il-pajjiżi.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (serje C) il-lista tal-pajjiżi u d-data li fiha jista' jiġi applikat il-kumulu fil-Komunità.

- (d) prodotti minn annimali ġajjin imrobbija hemmhekk;
- (e) il-prodotti miksuba mill-kaċċa jew mis-sajd imwettqa hemmhekk;
- (f) il-prodotti tas-sajd mill-baħar u prodotti oħra meħuda mill-baħar 'il barra mill-ibħra territorjali tal-Komunità jew ta' Ceuta u Melilla mill-bastimenti tagħhom;
- (g) il-prodotti magħmulu abbord il-bastimenti-fabriki tagħhom esklusivament mill-prodotti riferiti fil-punt (f);
- (h) l-objetti wżati hemmhekk xierqa biss għall-irkupru tal-materji prima, inklużi t-tyres użati tajbin biex jiġi rrikondizzjonati jew għall-użu bħala skart;
- (i) l-iskart u r-ruttam li jirriżultaw mill-ħidmiet tal-fabbrikazzjoni kondotti hemmhekk;
- (j) il-prodotti estratti mis-soll jew is-sottosoll marini 'il barra mill-ibħra territorjali tagħhom sakemm ikollhom ukoll id-drittijiet waħdien għalbiex jinħadmu dan is-soll jew sottosoll;
- (k) l-objetti prodotti hemmhekk esklusivament mill-prodotti speċifikati fil-punti minn (a) sa (j).

2. Meta x-xogħol jew il-proċessar imwettqa f'Ceuta ma jmorrux lil hemm minn dawk riferiti fl-Artikolu 7, il-prodott miksub għandu jiġi kkonsidrat bħala li jorġina fil-Komunità biss meta l-valur miżjud fiha ikun ikbar mill-valur tal-materjali wżati li jorġinaw fwieħed jew l-ieħor mill-pajjiżi riferiti fil-paragrafu 1. Jekk dan ma jkun hekk, il-prodott miksub għandu jiġi kkonsidrat bħala li jorġina fil-pajjiżi fejn jgħodd l-ikbar valur tal-materjali li jorġinaw fil-post użati fil-fabbrikazzjoni f'Ceuta u Melilla.

3. Il-prodotti, li jorġinaw fwieħed mill-pajjiżi riferiti fil-paragrafu 1, li ma jgħaddu mill-ebda xogħol jew proċessar f'Ceuta u Melilla, għandhom iżommu l-oriġini tagħhom jekk jiġi esportati lejn wieħed minn dawn il-pajjiżi.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (serje C) il-lista tal-pajjiżi u d-data li fiha jista' jiġi applikat il-kumulu f'Ceuta u Melilla.

Artikolu 5

Il-prodotti miksuba sħaħ

1. Dawn li ġejjin għandhom jiġi kkonsidrati bħala miksuba għal kollox fil-Komunità jew f'Ceuta u Melilla:

- (a) il-prodotti minerali estratti mill-ħamrija tagħhom jew mill-qiegħi tal-baħar tagħhom;
- (b) il-prodotti veġetali maħsuda hemmhekk;
- (c) annimali ġajjin mitwielda u mrobbija hemmhekk;

- (a) li huma rreġistrati jew irrekordjati fi Stat Membru jew, għal Ceuta u Melilla, irreġistrati fir-reġistri tal-bastimenti ta' l-awtorita kompetenti lokali (*ir-Registros de Matrícula de Buques de la respectiva Capitanía Marítima*);
- (b) li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru;
- (c) li jappartjieno għal mill-inqas 50 % tal-kobor liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, jew lil kumpanija bl-uffiċċju prinċipali tagħha fwieħed minn dawn l-Istati, li l-manager jew il-manager-ijiet, il-President tal-Bord tad-Diretturi jew tal-Bord tas-Sorveljanza tagħha u l-maġġoranza tal-membri ta' dawn il-bordjiet huma ċittadini ta' l-Istati Membri u li tagħhom, b'żieda ma' dan, fil-każz ta' sħubiji jew kumpaniji limitati, mill-inqas nofs il-kapital jappartjieni lil dawn l-Istati jew lill-korpi pubbliċi jew liċ-ċittadini ta' dawn l-Istati;
- (d) li l-kaptan u l-fizzjali tagħhom huma ċittadini ta' l-Istati Membri; u

- (e) mill-inqas 75 % ta' l-ekwipaġġ tagħhom huma ċittadini ta' l-Istati Membri.

Artikolu 6

Il-prodotti maħduma jew iproċesati biżżejjed

1. Għall-għanijiet ta' l-Artku 2, il-prodotti li ma jkunux mik-suba għal kollex huma kkonsidrati li jkunu maħduma jew ipprocċessati biżżejjed meta jitwettqu l-kondizzjonijiet iddiċċkarati fil-lista fl-Anness B.

Dawn il-kondizzjonijiet jindikaw, għall-prodotti kollha koperti bil-Protokoll 2 ma' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, ix-xogħol jew il-proċċessar li jridu jitwettqu fuq il-materjali li mhumiex ta' l-oriġini tal-post użati fil-fabrikazzjoni ta' dawn il-prodotti u japplikaw biss fejn għandhom x'jaqsmu dawn il-materjali. Għalhekk, jiġri li jekk prodott, li jkun kiseb l-istatus ta' l-oriġini billi jwettaq il-kondizzjonijiet iddiċċkarati fil-lista jin-tuża fil-fabrikazzjoni ta' prodott ieħor, il-kondizzjonijiet li japplikaw għall-prodott li fih ikun inkorporat ma japplikax għaliex, u ma għandu jingħata l-ebda qies tal-materjali li ma jorġinawx fil-post li jistgħu jkunu ġew użati fil-fabrikazzjoni tiegħu.

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, il-materjali li ma joriġinawx fil-post li, skond il-kondizzjonijiet iddikjarati fil-lista fl-Anness Brigward prodott mogħti, ma għandhomx jintużaw fil-fabbrikazzjoni ta' dan il-prodott, jistgħu madankollu jintużaw, sakemm:

- (a) il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-10 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott;

(b) ma jiġi maqbūż l-ebda wieħed mill-perċentwali mogħtija fil-lista għall-valor massimu tal-materjal li ma joriġinawx fil-post permezz ta' l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-prodott li jidħlu fil-Kapitoli minn 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

3. Għandhom japplikaw il-paragrafi 1 u 2 għajr kif ipprovvdut fl-Artikolu 7.

Artikolu 7

Il-ħidmiet tax-xogħol jew il-proċessar mhux biżżejjed

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, il-hidmiex li ġejjin għandhom jiġu kkonsiderati bħala mhux bizzżejjed sabiex jikkon-ferixxu l-status ta' prodott li jorġiñaw fil-post, sewwa jekk jiġu sodisfatti l-ħtiġiet ta' l-Artikolu 6 u sewwa iekk le:

- (a) il-hidmiet sabiex jiġguraw il-priservazzjoni tal-prodotti fkondizzjoni tajba matul it-trasport u l-hażna (il-ventilazzjoni, il-frix, it-tnejxix, it-skessiħ, it-taqiegħid fil-melħ).

fid-dijossidu tal-kupru jew soluzzjonijiet oħra ilmin, it-tneħħija tal-partijiet bil-ħsara u ħidmiet bħal dawn);

- (b) il-ħidmiet sempliċi li jikkonsistu fit-tnejħija tat-trab, it-tnaqqija jew il-ġħarbil, il-ġħażil, il-klassifika, it-tqabbil ma' xulxin (inklużi it-tagħqid ta' settijiet ta' oġġett), il-ħasil, iż-żeba', it-tqattigħ;

(c) (i) il-bidliet fil-pakkeġġjar u t-taqsim fbiċċiet u l-muntaġġ tal-pakkeġġ;

(ii) it-tqegħid sempliċi fil-fliexken, fil-fjasketti, fil-boroż, fil-kaxxi, fit-twaħħil fuq il-kartun jew fuq il-fuljetti, eċċi, u l-ħidmiet kollha sempliċi tal-pakkeġġjar;

(d) it-twaħħil ta' marki, tikketti u sinjali oħra li jiddistingwu fuq il-prodotti jew il-pakkeġġjar tagħhom;

(e) it-taħlit sempliċi tal-prodotti, sewwa jekk ta' tipi differenti u sewwa jekk le, meta l-komponenti tat-taħlitiet ma jissodis-fawx il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness sabiex jgħinhom jiġu kkonsidrati bħala li joriġinaw fil-Komunità jew f'Ceuta u Melilla;

(f) il-muntaġġ sempliċi tal-partijiet sabiex jikkostitwixxu prodott sħiħ;

(g) il-għaqda ta' żewġ ħidmiet jew iktar spċifikati fil-punti minn
(a) sa (f);

(h) il-qtil ta' l-annimali.

2. Il-ħidmiet kollha mwettqa jew fil-Komunità jew f'Ceuta u Melilla fuq prodott mogħti għandhom jiġu kkonsiderati flimkien meta jiġi stabbilit jekk ix-xogħol jew il-proċessar imgħoddija minn dan il-prodott iridux jitqiesu bħala mhux biżżejjed fit-tifsira tal-paragrafu 1.

Artikolu 8

L-unità tal-kwalifika

1. L-unità tal-kwalifika sabiex jiġu applikati d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandha tkun il-prodott partikolari li jkun ikkonsidrat bħala l-unità bażika meta tiġi stabbilita l-klassifika bl-użu tan-nomenklatura tas-Sistema Armonizata.

Għalhekk, isegwi illi:

- (a) meta prodott kompost minn grupp jew mill-muntaġġ ta' oġġetti jiġi kklasifikat skond il-kondizzjonijiet tas-Sistema Armonizzata fintestatura waħdiena, il-prodott kollu ijkostitwixxi l-unità tal-kwalifika:

(b) meta konsinna tikkonsisti minn numru ta' prodotti identiċi kklassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull wieħed mill-prodotti jrid jittieħed għalih waħdu meta jkunu qegħdin jiġi applikati d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

2. Meta, skond ir-Regola Ġeneali 5 tas-Sistema Armonizzata, il-pakkeġġjar jiġi inkluż mal-prodott għall-għanijiet tal-klassifika, għandu jiġi inkluż għall-għanijiet sabiex jiġi stabbilit l-oriġini.

Artikolu 9

L-aċċessorji, l-ispare parts u l-għodda

L-aċċessorji, l-ispare parts u l-għodda ddispacċċjati ma' biċċa tagħmir, magna, apparat jew vettura, li jagħmlu parti mit-tagħmir normali u inklużi fil-prezz tagħhom jew li ma jkunux imdaħħla separatament fil-fattura, għandhom jitqiesu bħala ħaġa waħda mill-biċċa tat-tagħmir, magna, apparat jew vettura fil-kwistjoni.

Artikolu 10

Is-settijiet

Is-settijiet kif iddefiniti fir-Regola Ġenerali 3 tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala li jorġinaw mill-post meta l-prodotti komponenti kollha jkunu jorġinaw mill-post. Madankollu, meta jiġi kompost sett ta' prodotti li jorġinaw fil-post u prodotti li ma jorġinawx fil-post, is-sett bħala ħaġa waħda għandu jitqies li jorġina fil-post, sakemm il-valur tal-prodotti li ma jorġinawx fil-post ma jaqbix il-15 % tal-prezz mill-fabbrika tas-sett.

Artikolu 11

L-elementi newtrali

Sabiex jiġi stabbilit jekk prodott hux prodott li jorġina fil-post, ma hemmx għalfejn jiġi stabbilit l-oriġini ta' dawn li ġejjin li jistgħu jintużaw fil-fabbrikazzjoni tiegħu:

- (a) l-enerġija u l-karburant;
- (b) l-impjant u t-tagħmir;
- (c) il-magni u l-għodda;
- (d) l-oġġetti li ma jidħlux u li ma jkunux maħsuba li jidħlu fil-komposizzjoni finali tal-prodott.

KAPITOLU III

IL-ĦTIĠIET TERRITORJALI

Artikolu 12

Il-prinċipju tat-territorjalità

1. Għajr kif ipprovvdut fl-Artikolu 2(1)(c) u l-Artikoli 3 u 4, il-kondizzjonijiet sabiex jinkiseb l-istatus li oriġinaw fil-post iddiċ-čarat fil-Kapitolu II irid jitwettaq il-ħin kollu u mingħajr interrużżjoni fil-Komunità u f'Ceuta u Melilla.

2. Għajr kif ipprovvdut fl-Artikoli 3 u 4, meta l-oġġetti li jorġinaw fil-post esportati mill-Komunità jew minn Ceuta u Melilla lejn pajjiż ieħor jerġġhu lura, iridu jiġi kkonsiderati bħala li ma jorġinawx fil-post, għajr jekk jista' jiġi muri għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet tad-dwana illi:

- (a) l-oġġetti mregħġihi lura huma l-istess bħal dawk esportati; u
- (b) ma jkunu għaddew minn l-ebda ħidma lil hemm minn dak li tkun meħtieġa sabiex jiġi ppriservati f'kondizzjoni tajba waqt li jkunu f'dan il-pajjiż jew waqt li jkunu qegħdin jiġi esportati.

Artikolu 13

It-trasport dirett

1. It-trattament preferenziali pprovdut skond dan ir-Regolament japplika biss għall-prodotti li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' dan ir-Regolament, li jiġi ttrasportati direttament bejn il-Komunità u Ceuta u Melilla jew minn ġot-territorji tal-pajjiżi l-oħra riferiti fl-Artikoli 3 u 4.

Madankollu, il-prodotti li jikkostitwixxu konsinna waħdieni jistgħu jiġi ttrasportati minn ġo territorji oħra bi, meta meħtieġ, it-trasbord jew il-ħażna temporanja f'dawn it-territorji, sakemm jissoktaw taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet tad-dwana f'dan il-pajjiż tat-transitu jew il-ħażna u ma jgħaddu minn ebda ħidma oħra għajr il-ħatt, it-tagħbija mill-ġdid jew kull ħidma oħra mah-subha għalbiex tippriservahom f'kondizzjoni tajba.

Il-prodotti li jorġinaw fil-post jistgħu jiġi ttrasportati permezz ta' linja tal-pajpijet li taqsam territorji oħra għajr dawk riferiti fl-ewwel sub-paragrafu.

2. Għandha tiġi fornita lill-awtoritajiet kompetenti tad-dwana fil-Komunità jew f'Ceuta u Melilla, xieħda illi l-kondizzjonijiet iddiċ-čarat fil-paragrafu 1 ġew imwettqa bil-produzzjoni ta' :

- (a) dokument waħdieni tat-trasport li jkopri l-passaġġ ġewwa l-pajjiż tat-transitu; jew
- (b) ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż tat-transitu;
- (i) li jagħtu deskrizzjoni eżatta tal-prodotti;
- (ii) li jiddikjaraw id-dati tal-ħatt u tat-tagħbija mill-ġdid tal-prodotti u, meta japplika, indikazzjoni tal-bastimenti, jew tal-mezzi l-oħra tat-trasport użati; u
- (iii) li jiċċertifikaw il-kondizzjonijiet li fuqhom il-prodotti ssoktaw fil-pajjiż tat-transitu; jew
- (c) fin-nuqqas ta' dawn, kull dokument ta' appoġġ.

Artikolu 14

L-esibizzjonijiet

1. Il-prodotti li joriġinaw fil-post, mibgħuta għal esibizzjoni f'pajjiż ieħor għajr dawk riferiti fl-Artikoli 3 u 4 u, wara l-esibizzjoni, mibjugħa jew importati fil-Komunità jew f'Ceuta u Melilla, għandhom jibbenefikaw ma' l-importazzjoni mid-disposizzjonijiet tal-Protokoll 2 ma' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, sakemm jiġi muri għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet tad-dwana illi:

- (a) esportatur ikun ikkonsinna dawn il-prodotti mill-Komunità jew minn Ceuta u Melilla lill-pajjiż li fih tkun saret l-esibizzjoni u jkun esibihom hemm;
- (b) il-prodotti jkunu ġew mibjugħa jew disposti minnhom xorta oħra minn dan l-esportatur lil persuna fil-Komunità jew f'Ceuta u Melilla;
- (c) il-prodotti jkun ġew ikkonsinnati matul l-esibizzjoni jew immedjatamente warajha fl-istat li fih ikunu ntbgħatu għall-esibizzjoni; u
- (d) minn mindu jkunu ġew ikkonsinnati għall-esibizzjoni, il-prodotti ma jkunu ntużaw għall-ebda għan ieħor għajr il-wiri fl-esibizzjoni.

2. Trid tinħareġ jew tintħamel prova ta' l-oriġini skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu V u tiġi ssottomessa lill-awtoritajiet tad-dwana fil-Komunità jew f'Ceuta u Melilla fil-manjiera normali. Iridu jiġi indikati fuqha l-isem u l-indirizz ta' l-esibizzjoni. Meta meħtieġ, tista' tintalab xieħda dokumentarja adizzjonali dwar in-natura tal-prodotti u l-kondizzjonijiet li fuqhom ikunu ġew esibiti.

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal kull esibizzjoni kummerċjali, industrijali, agrikola jew tas-snajja jew wirja jew esposizzjoni pubbliċi simili li ma jkunux organizzati għal għanijiet privati fil-ħwienet jew fil-fondi kummerċjali bil-ħsieb tal-bejgħ ta' prodotti barranija, u li matulhom il-prodotti jissoktaw taħta il-kontroll tad-dwana.

KAPITOLU IV

IL-ĠBID LURA JEW L-EŻENZJONI MID-DAZJI TAD-DWANA

Artikolu 15

Il-projbizzjoni tal-ġbid lura tad-dazji tad-dwana jew ta' l-eżenzjoni minnhom

1. Il-materjali li ma joriġinawx fil-post użati fil-fabbrikazzjoni ta' prodotti li joriġinaw fil-Komunità jew f'Ceuta u Melilla jew fwieħed mill-pajjiżi l-oħra riferiti fl-Artikoli 3 u 4 li għalihom tinħareġ jew tintħamel prova ta' l-oriġini skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu V ma għandhomx ikunu bla ħsara fil-Komunità jew f'Ceuta u Melilla għall-ġbid lura tad-dazji tad-dwana tkun xi tkun il-kwalità tagħhom jew l-eżenzjoni minnhom.

Il-prodotti fil-Kapitolu 3 jew taħt l-intestaturi bin-Nru 1604 u 1605 tas-Sistema Armonizzata u li joriġinaw fil-Komunità fit-tif-sira ta' dan ir-Regolament kif ipprovvdut fl-Artikolu 2(1)(c), li għalihom tinħareġ jew tintħamel prova ta' l-oriġini skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu V ma għandhomx ikunu bla ħsara fil-Komunità għall-ġbid lura tad-dazji tad-dwana jkunu xi jkunu il-kwalità tagħhom jew l-eżenzjoni minnhom.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika għal kull arranġament ta' rifużjoni, remissjoni jew nuqqas ta' ħlas, parżjali jew sħiħ, tad-dazji tad-dwana jew ta' l-imposti li jkollhom effett ekwivalenti, li japplikaw fil-Komunità jew f'Ceuta u Melilla, għall-materjali wżati fil-fabbrikazzjoni u għall-prodotti koperti bit-tieni subparagħu tal-paragrafu 1, meta japplikaw din ir-rifużjoni, remissjoni jew nuqqas ta' ħlas, espressament jew f'effett, meta l-prodotti miksuba mill-materjali msemmija jiġi esportati u ma jkunux maħsuba għall-użu tad-dar.

3. L-esportatur tal-prodotti koperti bi prova ta' l-oriġini għandu jkun lest li jipprodu f'kull waqt, fuq talba mill-awtoritajiet tad-dwana, id-dokumenti kollha appropriati li jippruvaw li ma nkiseb l-ebda ġbid lura rigward il-materjali li ma joriġinawx fil-post użati fil-fabbrikazzjoni tal-prodotti interessati u li jkunu attwalment tħallu d-dazji kollha tad-dwana jew l-imposti li jkollhom effett ekwivalenti li japplikaw għal dawn il-materjali.

4. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw ukoll rigward il-pakkeġġjar fit-tifsira ta' l-Artikolu 8(2), l-accċessorji, l-ispare parts u l-għoddha fit-tifsira ta' l-Artikolu 9 u l-prodotti f'sett fit-tifsira ta' l-Artikolu 10, meta dawn l-oġġetti ma joriġinawx fil-post.

5. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi minn 1 sa 4 ma għandhomx jipprekludu l-applikazzjoni ta' sistema ta' rifuzjoniċċi fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikolo li tapplika ma' l-esportazzjoni

KAPITOLU V

IL-PROVA TA' L-ORIĠINI

Artikolu 16

Ħtiġiet ġenerali

1. Il-prodotti li jorġinaw fil-Komunità għandhom, ma' l-importazzjoni f'Ceuta u Melilla u l-prodotti li jorġinaw f'Ceuta u Melilla għandhom, ma' l-importazzjoni ġewwa l-Komunità, jibbenifikaw mid-disposizzjonijiet tal-Protokoll 2 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall mal-produzzjoni ta':

- (a) jew ċertifikat EUR..1 tal-moviment, li kampjun tiegħu jidher fl-Anness Ċ;
- (b) jew, fil-kažiċċi speċifikati fl-Artikolu 21(1), dikjarazzjoni, li t-test tagħha jidher fl-Anness D, mogħtija mill-esportatur fuq fattura, nota tal-konsinna jew kull dokument ieħor kummerċjali li jiddeskrivu l-prodotti interessati f'dettal suffiċċienti sabiex jgħinhom jiġi identifikati (minn issa 'i quddiem imsejħa id-dikjarazzjoni fuq il-fattura).

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, il-prodotti li jorġinaw fil-post fit-tifsira ta' dan ir-Regolament għandhom, fil-kažiċċi speċifikati fl-Artikolu 26, jibbenifikaw minn dan il-Ftehim mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi ssottomess l-ebda wieħed mid-dokumenti riferiti fil-paragrafu 1.

Artikolu 17

Il-proċedura għall-ħruġ ta' ċerifikat EUR. I tal-moviment

1. Ċertifikat EUR..1 tal-moviment għandu jinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti tad-dwana tal-Komunità jew ta' Ceuta u Melilla ma' l-applikazzjoni li tkun intgħamlet bil-miktub mill-esportatur jew, fuq ir-reponsabbiltà ta' l-esportatur, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2. Għal dan il-għan, l-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom jimlew kemm iċ-ċertifikat EUR..1 tal-moviment u l-formola ta' l-applikazzjoni, li kampjuni tagħhom jidħru fl-Anness Ċ. Dawn il-formoli għandhom jiġi kkompletati f'wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Komunità. Jekk ikunu miktuba bl-id, għandhom jiġi kkompletati bil-linka u fittri kapitali. Id-deskrizzjoni tal-prodotti trid tingħata fil-kaxxa riservata għal dan il-għan mingħajr ma titħalla ebda linja vojta. Meta l-kaxxa ma tixiġ mimmlja kompletament, irid jinqata' rig orizzontali taħt l-aħħar linja tad-deskrizzjoni, b'salib fuq l-ispażju vojt.

3. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat EUR..1 tal-moviment irid ikun kapaċi li jissottommetti f'kull waqt, fuq it-talba ta' l-awtoritajiet kompetenti tad-dwana tal-Komunità jew ta' Ceuta u Melilla fejn jinħareġ iċ-ċertifikat EUR..1 tal-moviment, id-dokumenti kollha appropjati li jippruvaw l-istatus li oriġinaw fil-post tal-prodotti interessati kif ukoll it-twettiq tal-ħtiġiet l-oħra ta' dan ir-Regolament.

4. Ċertifikat EUR..1 tal-moviment għandu jinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti tad-dwana tal-Komunità kew ta' Ceuta u Melilla jekk il-prodotti interessati jistgħu jiġi kkonsidrati bħala prodotti li jorġinaw fil-Komunità, f'Ceuta u Melilla jew f'wieħed mill-pajjiżi l-oħra riferiti fl-Artikoli 3 u 4 u li jwettqu l-htigjet l-oħra ta' dan ir-Regolament.

5. L-awtoritajiet tad-dwana tal-ħruġ għandhom jieħdu kull pass meħtieġ sabiex jivverifikaw l-istatus ta' l-EUR..1 ta' l-oriġini fil-post tal-prodotti u t-twettiq tal-ħtiġiet l-oħra ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, għandu jkollhom id-dritt li jsejħu kull xieħda u li jwettqu kull spezzjon tal-kontijiet ta' l-esportatur jew kull kontroll ieħor ikkonsidrat appropjat.

L-awtoritajiet tad-dwana bir-reponsabbilta tal-ħruġ ta' ċertifikat EUR..1 takżi-l-moviment għandhom jiżguraw illi jiġi kkompletati kif mistħoqq il-formoli riferiti fil-paragrafu 2. B'mod partkolar, għandhom jikkontrollaw jekk l-ispażju rriservat għad-deskrizzjoni tal-prodotti jkunx għiex kkompletat f'manġiera hekk illi jeskludi kull possibbila ta' żidiet frawdolenti.

6. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat EUR..1 tal-moviment trid tiġi indikata fil-Kaxxa 11 taċ-ċertifikat.

7. Ċertifikat EUR..1 tal-moviment għandu jinħareġ mill-awtoritajiet tad-dwana u jintgħamel disponibbi lill-esportatur hekk kif tiġi efettwata jew żgurata l-esportazzjoni attwali.

Artikolu 18

Iċ-ċertifikati EUR..1 tal-moviment maħruġa b'lura

1. Bħala deroga mill-Artikolu 17(7), ċertifikat EUR..1 tal-moviment jista' eċċeżzjonalment jinħareġ wara l-esportazzjoni tal-prodotti li jkollhom x'jaqsmu miegħu jekk:

- (a) ma jkunx inħareġ mal-waqt ta' l-esportazzjoni minħabba żbalji jew omissjonijiet involontarji jew ċirkostanzi speċjali; jew
- (b) jiġi muri għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet tad-dwana illi nħareġ ċertifikat EUR..1 tal-moviment imma ma kienx għiex aċċettat ma' l-importazzjoni għal raġunijiet tekniċi.

2. Sabiex jiġi implimetat il-paragrafu 1, l-esportatur irid jindika fl-applikazzjoni tiegħu il-post u d-data ta' l-esportazzjoni tal-prodotti li magħhom ikollu x'jaqsam iċ-ċertifikat EUR.1 tal-moviment, u jiddikjara r-raġunijiet tat-talba tiegħu.

3. L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu joħorġu ċertifikat EUR.1 b'lura biss wara li jivverifikaw illi t-tagħrif fornit fl-applikazzjoni fl-applikazzjoni ta' l-esportatur jaqbel ma' dak tal-fajl korrispondenti.

4. Iċ-ċertifikati EUR.1 tal-moviment maħruġa b'lura jridu jiġu endorsjati b'waħda mill-frażijsiet li ġejjin:

— “EXPEDIDO A POSTERIORI”,

— “UDSTEDT EFTERFØLGENDE”.

— “NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT”,

— “ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ”,

— “ISSUED RETROSPECTIVELY”,

— “DÉLIVRÉ A POSTERIORI”,

— “RILASCIATO A POSTERIORI”,

— “AFGEGEVEN A POSTERIORI”,

— “EMITIDO A POSTERIORI”,

— “ANNETTU JÄLKIKÄTEEN”,

— “UTFÄRDAT I EFTERHAND”,

5. L-endorsjar riferit fil-paragrafu 4 għandu jiddaħħal fil-Kaxxa tar-“Rimarki” taċ-ċertifikat EUR.1 tal-moviment.

2. Il-kopja ddupplikta maħruġa trid tiġi endorsjata b'waħda mill-frażijsiet li ġejjin:

— “DUPLICADO”,

— “DUPLIKAT”,

— “DUPLIKAT”,

— “ANTIGRAFO”,

— “DUPLICATE”,

— “DUPLICATA”,

— “DUPLICATO”,

— “DUPLICAAT”,

— “SEGUNDA VIA”,

— “KAKSOISKAPPALLE”,

— “DUPLIKAT”.

3. L-endorsjar riferit fil-paragrafu 2 għandu jiddaħħal fil-Kaxxa tar-“Rimarki” taċ-ċertifikat idduplikat EUR.1 tal-moviment.

4. Il-kopja ddupplikata li jrid ikollha d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat oriġinali EUR.1 tal-moviment, għandha tkun b'effett minn din id-data.

Artikolu 20

Il-ħruġ taċ-ċertifikati EUR.1 tal-moviment fuq il-bażi ta' prova ta' l-oriġini maħruġa jew magħmula qabel

Meta l-prodotti li jorġinaw fil-post jitqiegħdu taħt il-kontroll ta' uffiċċju tad-dwana fil-Komunità jew f'Ceuta u Melilla, għandu jkun possibbli illi l-prova oriġinali ta' l-oriġini tiġi mibdula b'ċertifikat jew iktar EUR.1 tal-moviment bil-għan li l-prodotti kollha jew uħud minnhom jintbagħtu xi mkien ieħor ġewwa l-Komunità jew f'Ceuta u Melilla. Il-bdil taċ-ċertifikat/i għandu jinħareġ/għandhom jinħarġu mill-uffiċċju tad-dwana li taħt il-kontroll tagħhom jitqiegħdu l-prodotti.

Artikolu 19

Il-ħruġ ta' ċertifikat doppu EUR.1 tal-moviment

Artikolu 21

Il-kondizzjonijiet għalbiex tintgħamel dikjarazzjoni fuq il-fattura

1. Fl-eventwalità tas-serq, it-telf jew il-qerda ta' ċertifikat EUR.1 tal-moviment, l-esportatur jista' japplika għand l-awtoritajiet tad-dwana li jkunu ħarġu għal kopja ddupplikata magħmula fuq il-bażi tad-dokumenti fil-pusses tagħhom.

1. Dikjarazzjoni fuq fattura kif riferita fl-Artikolu 16(1)(b) għandha tintgħamel:

- (a) minn esportatur approvat fit-tifsira ta' l-Artikolu 22; jew
 (b) minn kull esportatur għal kull konsinna li tikkonsisti f'pakkeġġ jew iktar li jkun fihom prodotti li joriginw fil-post li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-EUR 6 000.

2. Dikjarazzjoni tista' tingħamel fuq fattura jekk il-prodotti interessati jkunu jistgħu jiġi kkonsidrati bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità, f'Ceuta u Melilla jew f'wieħed mill-pajjiż l-oħra riferiti fl-Artikoli 3 u 4 u li jwettqu l-ħtiġiet l-oħra ta' dan ir-Regolment.

3. L-esportatur li jagħmel dikjarazzjoni fuq fattura għandu jkun lest li jissottometti f'kull waqt, fuq it-talba ta' l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esporatur, id-dokumenti kollha approprijati li jip-pruvaw l-istatus li oriġinaw fil-post tal-prodotti interessati kif ukoll it-twettiq tal-ħtiġiet l-oħra ta' dan il-Protokoll.

4. Dikjarazzjoni għandha tintgħamel fuq fattura mill-esportatur billi jittajja, jittimbra jew jistampa fuq il-fattura n-nota tal-konsinna jew kull dokument ieħor kummerċjali, id-dikjarazzjoni, li t-test tagħha jidher fl-Anness D, bl-użu ta' waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ddikjarati f'dan l-Anness u skond id-disposizzjonijiet tal-liggiżiet domestiċi tal-pajjiż esporatur. Id-dikjarazzjoni tista' wkoll tinkiteb bl-id, fliema każ trid tkun ikkompletata bil-linka u fittri kapitali.

5. Id-dikjarazzjonijiet ta' fuq il-fattura għandhom iġorru l-firma oriġinali ta' l-esportatur. Madankollu, esportatur approvat fit-tifsira ta' l-Artikolu 22 mhux meħtieġ li jiffirma din id-dikjarazzjoni, sakemm jagħti lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esporatur impenn bil-miktub li jaċċetta r-responsabbiltà sħiħa ta' kull dikjarazzjoni fuq fattura li tidentifikah daqs li kieku kienet iffirmata minnu bl-id.

6. Dikjarazzjoni tista' tintgħamel fuq fattura mill-esportatur meta l-prodotti li jkollhom x'jaqsmu magħha jiġi esportati jew wara l-esportazzjoni bil-kondizzjoni li tiġi ppreżentata fil-pajjiż importatur mhux iktar minn sentejn wara l-importazzjoni tal-prodotti li magħha jkollhom x'jaqsmu.

Artikolu 22

L-esportatur approvat

1. L-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istat Membru esportatur jistgħu jawtorizzaw kull esportatur (minn issa 'l-quddiem imsejjaħ "esportatur approvat") li jagħmel ġarr spiss tal-prodotti koperti b'dan ir-Regolament li jagħmel dikjarazzjoni fuq il-fatturi irrispettivament mill-valur tal-prodotti interessati. Esporttur li jkun qiegħed ifitħex din l-awtorizzazzjoni jrid joffri għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet tad-dwana l-garanziji kollha meħteġa sabiex jivverifika l-istatus ta l-oriġini mill-post tal-prodotti kif ukoll it-twettiq tal-ħtiġiet l-oħra ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jikkonċedu l-istatus ta' esportatur aprovat bla ħsara għal kull kondizzjoni li jikkonsidraw appoprjata.

3. L-awtoritajiet tad-dwana għandhom jallokaw lill-esportatur approvat numru ta' l-awtorizzazzjoni tad-dwana li għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni ta' fuq il-fattura.

4. L-awtoritajiet tad-dwana għandhom jimmonitorjaw l-użu magħmul mill-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.

5. L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni f'kull ħin. Għandhom jagħmlu dan meta l-esportatur approvat ma joffrix iktar il-garanziji riferiti fil-paragrafu 1, ma jwettaq x iktar il-kondizzjonijiet riferiti fil-paragrafu 2 jew inkella jagħmel użu mhux xieraq mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 23

Il-validità tal-prova ta' l-oriġini

1. Prova ta' l-oriġini għandha tkun valida għal erba' xħur mid-data tal-ħruġ tagħha fil-pajjiż esportatur, u trid tiġi ssottomessa f'dan il-perjodu taż-żmien lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur.

2. Il-provi ta' l-oriġini li jkunu ssottomessi lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur wara d-data finali tal-preżentazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 jistgħu jiġi aċċettati bil-għan li jiġi applikat trattament preferenziali, meta n-nuqqas tas-sottomissjoni ta' dawn id-dokumenti sad-data finali ffissata jkun minħabba ċirkostanzi eċċeżżjoni.

Fil-każijiet l-oħra ta' preżentazzjoni fit-tard, l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur jistgħu jaċċettaw il-provi ta' l-oriġini meta l-prodotti jkunu ġew issottomessi qabel id-data finali msemija.

Artikolu 24

Is-sottomissjoni tal-prova ta' l-oriġini

Il-provi ta' l-oriġini għandhom jiġi ssottomessi lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur skond il-proċeduri li japplikaw f'dan il-pajjiż. L-awtoritajiet imsemmija jistgħu jaċċiegu traduzzjoni ta' prova ta' l-oriġini u jistgħu jaċċiegu wkoll li d-dikjarazzjoni ta' l-importazzjoni tkun akkumpanjata b'dikjarazzjoni mill-importatur bl-effett illi l-prodotti jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi implimentat dan ir-Regolament.

Artikolu 25

L-importazzjoni akkont

Meta, fuq it-talba ta' l-importatur u bil-kondizzonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur, il-prodotti żmantellati jew mhux immuntati fit-tifsira tar-Regola Ġenerali 2

(a) tas-Sistema Armonizzata li jidħlu fit-Taqsimiet XVI u XVII jew l-intestaturi bin-Nri 7308 u 9406 tas-Sistema Armonizzata jiġu importati akkont, għandha tiġi ssottomessa prova waħdien ta' l-oriġini ta' dawn il-prodotti lill-awtoritajiet tad-dwana ma' l-importazzjoni ta' l-ewwel konsinna akkont.

Artikolu 26

L-eżenzjonijiet mill-prova ta' l-oriġini

1. Il-prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati jew li jagħmlu parti mill-bagalji personali ta' vjaġġgatur għandhom jiġu ammessi bħala prodotti li jorġinaw fil-post mingħajr il-ħtieġa tas-sottomissjoni ta' prova ta' l-oriġini, sakemm dawn il-prodotti ma jkunux importati bħala kummerċ u jkunu ġew iddiċċjarati li jiġi sħadd fuq il-htiegiet ta' dan ir-Regolment u meta ma jkun hemm l-ebda dubju dwar il-veraċċata ta' din id-dikjarazzjoni. Fil-każ tal-prodotti mibgħuta bil-posta, din id-dikjarazzjoni tista' tingħamel fuq id-dikjarazzjoni tad-dwana CNN22/CN23 jew fuq folja karta meħmuża ma' dan id-dokument.

2. L-importazzjonijiet li jkunu ta' kultant u li jikkonsistu biss minn prodotti għall-użu personali tar-riċevituri jew tal-vjaġġgaturi jew tal-familji tagħhom ma għandhom jiġi kkonsidrati bħala importazzjonijiet fis-sens ta' kummerċ jekk ikun evidenti min-natura u l-kwantità tal-prodotti illi ma jkun jidher l-ebda għan kummerċjali.

Il-valur totali ta' dawn il-prodotti ma għandux jaqbeż l-EUR 500 fil-każ tal-pakketti ż-żgħar jew l-EUR 1 200 fil-każ tal-prodotti li jagħmlu parti mill-bagalji personali tal-vjaġġgaturi.

Artikolu 27

Id-dokumenti ta' appoġġ

Id-dokumenti riferiti fl-Artikoli 17(3) u 21(3) użati bil-għan li jippruvaw illi l-prodotti koperti b'ċertifikat EUR.1 tal-moviment jew dikjarazzjoni fuq fattura jistgħu jiġi kkonsidrati bħala prodotti li jorġinaw fil-Komunità jew f'Ceuta u Melilla u li jwettqu l-htiegiet l-oħra ta' dan ir-Regolament jistgħu, fost ħwejjeġ oħra, jikkonsistu minn dan li ġej:

- (a) xieħda direttal-ħidmiet imwettqa mill-esportatur jew mill-fornitur sabiex jiksbu l-oġġetti intressati, li jkunu jinsabu per eżempju fil-kontijiet tagħhom jew fiż-żamma interna tal-kotba tal-kontijiet.
- (b) id-dokumenti li jippruvaw l-istatus li jorġinaw fil-post tal-materjali wżati, maħruġa jew magħmula fil-Komunità jew f'Ceuta u Melilla, meta dawn id-dokumenti jintużaw skond il-liġijiet domestiċi;

(c) id-dokumenti li jippruvaw ix-xogħol u l-proċessar tal-materjali fil-Komunità jew f'Ceuta u Melilla, maħruġa jew magħmula fil-Komunità jew f'Ceuta u Melilla, meta dawn id-dokumenti jintużaw skond il-liġijiet domestiċi;

(d) iċ-ċertifikati EUR.1 tal-moviment jew id-dikjarazzjoni jif fuq il-fatturi, li jippruvaw l-istatus li oriġinaw fil-post tal-materjali wżati, maħruġa jew magħmula fil-Komunità jew f'Ceuta u Melilla skond dan ir-Regolament, jew fwieħed mill-pajjiżi l-oħra riferiti fl-Artikoli 3 u 4, skond ir-regoli ta' l-oriġini li jkunu identiċi mar-regoli ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 28

Il-priservazzjoni tal-provi tal-oriġini u tad-dokumenti ta' appoġġ

1. L-esportatur li jaapplika għall-ħruġ ta' ċertifikat EUR.1 tal-moviment għandu jżomm, għal mill-inqas tliet snin, id-dokumenti riferiti fl-Artikolu 17(3).

2. L-esporatur li jagħmel dikjarazzjoni fuq fattura għandu jżomm, għal mill-inqas tliet snin, kopja ta' din id-dikjarazzjoni fuq il-fattura kif ukoll id-dokumenti riferiti fl-Artikolu 21(3).

3. L-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esportatur li joħorġu ċertifikat EUR.1 tal-moviment għandhom iżommu, għal mill-inqas tliet snin, il-formola ta' l-applikazzjoni riferita fl-Artikolu 17(2).

4. L-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur għandhom iżommu, għal mill-inqas tliet snin, iċ-ċertifikati EUR.1 tal-moviment u d-dikjarazzjoni fuq il-fatturi ssottomessi lilhom.

Artikolu 29

Id-diskrepanzi u l-iżbalji formali

1. Il-kixfa ta' diskrepanzi żgħar bejn id-dikjarazzjoni jif magħmula fil-prova ta' l-oriġini u dawk magħmula fid-dokumenti ssottomessi lill-uffiċċju tad-dwana bil-ġħadha li jitwettqu l-formalitajiet sabiex jiġi importati l-prodotti ma għandhiex, ipso facto, tirrendi l-prova ta' l-oriġini bħala nulla u battala jekk jiġi stabbilit kif mist-hoqq illi dan id-dokument jikkorrispondi mal-prodotti ssottomessi.

2. Żbalji formali ovvi bħalma huma żbalji tat-tipa fuq prova ta' l-oriġini ma għandhomx jikkawżaw li dan id-dokument jiġi rriġettat jekk dawn l-iżbalji mhumiex hekk illi joħolqu dubji li jirrigwardaw il-korretelezza tad-dikjarazzjoni jif magħmula f'dan id-dokument.

Artikolu 30

L-ammonti espressi fl-euro

1. L-ammont fil-munita korrenti ta' l-Istat Membru esportatur jew applikati f'Ceuta u Melilla ekwivalenti għall-ammonti espressi fl-euro għandhom ikunu ekwivalenti f'din il-munita nazzjonali espressi fl-euro skond ir-rata fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Ottubru ċ-1999 u għandhom jiġu kkomunikati lill-Istati Membri mill-Kummissjoni.

2. Meta l-ammonti jaqbżu l-ammonti korrispondenti ffissati mill-Istat Membru importatur, dan ta' l-aħħar għandu jaċċettahom jekk il-prodotti jgħorru fattura fil-munita tal-pajjiż esportatur. Meta l-prodotti jgħorr l-fattura fil-munita ta' Stat Membru ieħor, l-Istat Membru importatur għandu jirrikonoxxi l-ammont innotifikat mill-pajjiż interessat.

KAPITOLU VI

L-ARRANĠAMENTI GĦALL-KOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 31

L-assistenza reċiproka

1. L-awtoritajiet tad-dwana Spanjoli u l-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri l-oħra għandhom jipprovdu lil xulxin, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, kampjuni ta' l-impressjonijiet tat-timbi wżati fl-uffiċċiċi tad-dwana tagħhom għall-ħruġ taċ-ċertifikati EUR.1 tal-moviment u l-indirizzi ta' l-awtoritajiet tad-dwana responsabbli li jivverifikaw dawn iċ-ċertifikati u d-dikjarazzjonijiet fuq il-fatturi.

2. Sabiex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, Spanja u l-Istati Membri l-oħra għandhom jassisti lil xulxin, permezz ta'l-amministrazzjoniet tad-dwana rispettivi tagħhom, li jikkontrollaw l-awtenticietà taċ-ċertifikati EUR.1 tal-moviment jew tad-dikjarazzjonijiet fuq il-fatturi u l-korrettezza tat-tagħrif mogħi f'dawn id-dokumenti.

Artikolu 32

Il-verifikasi tal-provi ta' l-oriġini

1. Il-verifikasi sossegħewni tal-provi ta' l-oriġini għandhom jit-wettqu mingħajr għażla kull meta l-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istat Membru importatur ikollu dubji raġjonevoli dwar l-awtenticietà ta' dawn id-dokumenti, l-istatus li joriġinaw fil-post tal-prodotti interessati jew it-twettiq tal-ħtiġiet l-oħra ta' dan ir-Regolament.

2. Għall-għanijiet sabiex jiġu implimentati d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istat Membru importatur għandhom jibagħtu lura c-ċertifikat EUR.1 tal-moviment u l-fattura, jekk tkun għiet issottomesa, id-dikjarazzjoni fuq il-fattura,

jew kopja ta' dawn id-dokumenti, lill-awtritajiet tad-dwana ta' l-Istat Membru esportatur fejn jaġħtu, meta appropriat, ir-raġunijiet tas-sustanza jew tal-għamla għall-investigazzjoni. Għandhom jintbagħtu b'appoġġ tat-talba għal verifika a posteriori kull dokument jew tagħrif miksuba li jissuġġerixxu illi t-tagħrif mogħi dwar il-prova ta' l-oriġini mhux korrett.

3. Il-verifikasi a posteriori għandha titwettaq mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istat Membru esportatur. Għal dan il-ġhan, għandu jkollhom id-dritt li jsejhу kull xieħda u li jwettqu kull spezzjon tal-kontijiet ta' l-esportatur jew kull konroll ieħor ikkonsidrat appropriat.

4. Jekk l-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istat Membru importatur jid-deċiedu li jissospendu l-konċessjoni ta' trattament preferenziali lill-prodott interessat filwaqt li jkunu jistennew ir-riżultati tal-verifikasi, għandu jiġi offrut lill-importatur ir-rilaxx tal-prodotti bla ħsara għal kull miżura prekawzjonarja ġġudikata meħtieġa.

5. L-awtoritajiet tad-dwana li jitbolu l-verifikasi għandhom jiġu mgħarrfa bir-riżultati malajr jekk jista' jkun. Dawn ir-riżultati jridu jindikaw biċ-ċar jekk id-dokumenti jkunux awtentiċi u jekk il-prodotti interessati jkunux jistgħu jiġi kkonsidratu bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità, f'Ceuta u Melilla jew f'wied mill-pajjiżi l-oħra riferiti fl-Artikoli 3 u 4 u li jwettqu l-ħtiġiet l-oħra ta' dan ir-Regolment.

6. Jekk fil-każijiet ta' dubju raġjonevoli u jekk ma jkun hemm l-ebda tweġiba fi żmien 10 xhur mid-data tat-talba għall-verifikasi a posteriori jew jekk it-tweġiba ma jkunx fiha tagħrif biżżejjed għalbiex tiġi stabilita l-awtenticietà tad-dokument fil-kwistjoni jew l-oriġini attwali tal-prodotti, l-awtoritajiet tad-dwana li jitbolu l-verifikasi għandhom, għajr fċirkostanzi eċċeżżjoni, jirrifjutaw li jikkonċedu l-preferenzi.

Artikolu 33

Il-qtugħ tal-kontroversji

Meta jinħolqu kontroversji fejn jidħlu l-verifikasi tiferiti fl-Artikolu 32 li ma tistax tinstab soluzzjoni għalihom bejn l-awtoritajiet tad-dwana li jitbolu verifikasi u l-awtoritajiet tad-dwana responsabbli mit-twettiq ta' din il-verifikasi jew meta jqumu kwistjoni jiet dwar l-interpretazzjoni ta' dan ir-Regolament, dawn għandhom jiġu ssottommxi lill-Kumitat Konġunt istitwit bir-Regolament tal-Konsill (KEE) Nru 2913/92 (¹).

Il-qtugħ tal-kontroversji bejn l-importatur u l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur għandhom ikunu skond il-leġislazzjoni ta' dan il-pajjiż.

(¹) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

Artikolu 34**Il-Penali**

Għandhom jiġu imposti penali fuq kull persuna li tfassal, jew tikkawża li jitfassal, dokument li jkun fih tagħrif mhux korrett bil-għan li jinkiseb trattament preferenziali għall-prodotti. Il-penali pprovvdu għandhom ikunu effettivi, ipproporzjonati u dissważi.

Artikolu 35**Iż-żoni ħielsa**

1. L-Istati Membri għandom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw illi l-prodotti kkummerċjati taħt il-kopertura ta' prova ta' l-oriġini li, fil-kors tat-trasport, jużaw żona ħielsa li tkun qiegħda fit-territorju tagħhom, ma jiġux mibdula b'oġġetti oħra u li ma jgħaddux minn tqandil ieħor għajnej il-ħidmiet normali ddisinjati sabiex jippriservawhom f'kondizzjoni tajba.
2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, meta l-prodotti li jorġinaw fil-Komunità jew f'Ceuta u Melilla jiġu importati f'żona ħielsa taħt il-kopertura ta' prova ta' l-oriġini u jgħaddu minn trattament jew proċċessar, l-awtoritajiet kompetenti tad-dwana għandhom joħorġu ġēt-tidher EUR.1 tal-moviment fuq it-talba ta' l-esportatur, jekk it-trattament jew il-proċċessar imgħoddija minn-hom ikunu skond id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-5 ta' Diċembru 2000.

KAPITOLU VII**DISPOSIZZJONIJIET FINALI****Artikolu 36****It-thassir**

Ir-Regolament (KEE) Nru 1135/88 huwa hawnhekk imħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinfiehemu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 37**Id-Dħul fis-seħħ**

